TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 156/17-F

**Carmel Cassar**

**vs**

**Britannia Services Ltd**

Illum 6 ta' Frar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Settembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf ewro (€1,000), rappreżentanti diversi nuqqasijiet illi sabu meta marru cruise.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu bbukjaw cruise mad-ditta ntimata u meta marru fuq il-cruise kien hemm diversi nuqqasijiet fosthom illi l-kabina ma kellhiex gallarija fejn speċifikament huma talbu li jkun hemm gallarija u bħala fatt minflok gallarija kien hemm tieqa, u kif ukoll iż-żewġt itfal kellhom jużaw bunk bed u mhux żewġ sodod single.

Is-soċjeta' ntimata issottomettiet illi fuq il-booking form ma kienx hemm gallarija u għalhekk kienu għamlu booking tajjeb.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi jekk ir-rikorrenti kien talab gallarija, l-intimat għandu jassigura li dak li talab ir-rikorrenti ħadu, speċjalment meta kien fuq waiting list. Għar-rigward il-bunk beds, it-Tribunal jifhem illi ġo vapur il-kabini huma żgħar u għalhekk ikun hemm ftit restrizzjonijiet, pero' fir-rigward il-kwistjoni tal-gallarija jekk ir-rikorrenti talab hekk, għandu jingħata dak li talab.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' erba' mitt ewro (€400), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**